# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.2

## Kap 1: Jien u l-Oħrajn

## Lezzjoni 1.2 Mingħajrhom ma jien xejn

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu l-importanza tal-familja u ta' min irabbihom.
2. Jidentifikaw rwoli differenti fil-familja.
3. Jagħrfu l-membri tal-familja estiża tagħhom.




**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Song : Sesami Street- Family Song

https://www.youtube.com/watch?v=ii_LtHrEiao&spfreload=10

- Karta ta' Taħriġ 1.2 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu .

- Stieden lit-tfal jisimgħu l-*Family Song* (Sesame Street).
- Iddiskuti flimkien mat-tfal x'inhi familja u x'jeħtieġ li jkollna bejnietna biex ngħixu ġo familja.
- Naturalment ser tiltaqa' ma' diversi realtajiet li qegħdin jgħixu t-tfal fil-familji tagħhom u dan jidher mill-mod kif huma jiddefinixxu l-familja.
- Tiġġudikax, imma aċċetta r-realtajiet tagħhom.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Iddiskuti kif inġibu ruħna fil-familja tagħna : jekk il-ġenituri jaħdmux barra, fiex nagħtu daqqa t'id fix-xogħol tad-dar, jekk noħorġux flimkien u fejn immorru, x'inhuma dawk l-affarijiet li nieħdu pjaċir nagħmlu bħala familja.
2. Spjega kif fil-familja kulħadd għandu l-irwol tiegħu. Biex il-familja tkun magħquda rridu naħdmu bħala tim u ngħinu f'dak li hemm bżonn u mhux inħallu f'idejn min jieħu ħsiebna biss biex isiru l-affarijiet. Meta x-xogħol ma jinqasamx, tonqos l-imħabba u l-għaqda.
3. Kompli spjega: Il-familja tagħna mhijiex il-ġenituri u l-aħwa biss. In-nanniet, iz-zijiet u l-kuġini wkoll jiffurmaw parti mill-familja tagħna u tajjeb li nqattgħu ħin magħhom ukoll.
4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.2.
5. Spjega s-silta mogħtija u wara diskussjoni bħala klassi t-tfal jimmarkaw u jgħaqqdu s-sentenzi.
6. Iddiskuti mat-tfal Attività 2 u agħti ċans lil kull persuna tgħid tagħha.
7. Iddiskuti l-aħħar Attività u oħroġ il-punt tal-importanza li nkunu mal-ġenituri jew ma' dawk li jieħdu ħsiebna.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-familja hija dik li tieħu ħsiebna u tħobbna.
2. Fil-familja mmissu tabilħaqq l-imħabba li Alla għandu għalina.
3. Il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebna, bl-attenzjoni kontinwa li jagħtuna, juruna Alla kemm iħobbna. Din l-attenzjoni ġġegħelna nħossuna apprezzati u maħbuba.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal juru li jifhmu li huma, bħala membri fil-familja, għandhom l-irwol tagħhom.
2. It-tfal, waqt li juru responsabbiltà għar-rwol tagħhom fil-familja, juru li jifhmu li meta dawn l-irwoli huma mħaddma flimkien inisslu għaqda u mħabba.
3. It-tfal jgħinu kemm jistgħu lill-ġenituri tagħhom, speċjalment meta dawn jaħdmu.
4. It-tfal juru rispett u apprezzament lejn il-familja estiża u jagħtu daqqa t'id fejn hemm bżonn.
5. Jaħdmu biex il-familja tkun flimkien.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Song : Sesami Street : Family Song**

https://www.youtube.com/watch?v=ii_LtHrEiao&spfreload=10



## Nitolbu



Mulej, grazzi talli tajtna min jieħu ħsibna u jgħinna nikbru f'persuni sbieħ. Żomm idejk fuq il-familji tagħna u lill-membri agħtihom is-saħħa biex ikomplu jrabbuna skont kif tixtieq int.